MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Numru 242/2001

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**Anthony Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Anhony Cutajar ta' 23 sena bin Joseph u Maria Dolores nee' Frendo imwieled Pieta' u residenti 33, Flat 1, Coronation Street, Santa Monica, Pieta', detentur ta' karta ta' identita numru 426077(m) akkuzat talli:

1. Nhar is-16 ta' Novembru 2000 ghal habta tat-03.30 fi Triq Hookham Frere, Pieta, ghamel attentat ta' serq mill-vettura JOE 988 li kienet ipparkjata f'din it-triq ghad-detriment ta' certu Zhou Zhou liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, bi ksur tal-artikoli 41, 263, 267, 270 u 271 tal-Kap 9;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe vettura bin-numru JOE 988 ghad-detriment ta' certu Zhou Zhou liema hsara teccedi l-Lm50, bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9;

3. irrenda ruhhu recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 5/7/96, 7/11/00, u 30/11/00, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Mill-provi in atti din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju dwar il-htija tal-imputat fil-konfront iz-zewg akkuzi relatati mas-serq u l-hsara. Dan jirrizulta altru li esawrietement car mix-xhieda tal-pulizija u s-surveyor. Mix-xhieda ta' l-ewwel hu wisq car li fil-gurnata hin u lok, u waqt li huma kienu fuq ronda, osservaw l-imputat fejn vettura ta' kulur hadrani jissara mal-bieba tax-xellug taghha u dana filwaqt li l-imputat, kif irrizulta ftit wara, kien fil-pussess ta' 'torch' u turnavit. Dak li asserixxa l-imputat in propositu huwa kollox hlief veritier u verosimili. Il-hsara kkagjonata lill-vettura tirrizulta wkoll pruvata kemm mix-xhieda tad-dannegjat, ossia l-proprjetarju tal-vettura, u s-surveyor li ezamina l-hsara ghall-finijiet ta' assikurazzjoni. Mill-kumpless tax-xhieda ghalhekk jirriuzlta abbundantement car l-attentat ta' serq mill-imputat fuq il-vettura Fiat ta' kulur hadrani numru ta' registrazzjoni Joe 988 u l-konsegwenti hsara rizultanti. Ghal finijiet ta' din l-ahhar

akkuza hemm element tal-mezz ghal fini li ghandha tigi kkonsidrata fil-piena.

Illi in propositu l-akkuza dwar ir-recidiva mill-provi in atti din ukoll tirrizulta.

Rigward il-piena l-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputat u jirrizulta li l-imputat kellu diversi antecedenti ta' serq u kien anka wehel habs wara li kien inghata aktar minn okkazzjoni wahda biex jirriforma. Pero u inghad dan huwa fatt illum li l-imputat segwa programm ta' riabilitazzjoni u fil-present hu fil-fazi, hekk imsejha, ta' 're-entry' u anka sab impjieg. Certament dan huwa awspicu posittiv ghall-futur u certament juri li l-imputat jidher li ntraprenda t-triq tar-riforma u l-integrazzjoni tieghu bhala cittadin den fis-socjeta'. Din il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tiddisturba dan l-istat ta' fatt.

Ghalhekk, tiddeciedi li tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghaz-zmien tlett snin millum bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5 tal-Kap 152 taht is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon bil-kundizzjonijiet murija fl-annessa formula li ghandha tifforma parti integrali ta' dan il-gudikat u bil-kondizzjoni esplicita li l-imputat intemm b'success il-programm ta' riabilitazzjoni intrapriz minnu u wkoll li jissottoponi ruhhu ghal test ta' urina f'perjodu jew perjodi fid-diskrezzjoni tal-ufficjal tal-probation u dan wara li rat l-Artikolu 261(b)(f)(g), 263(a), 270, 271(g), 278(1)(3), 325(b), 17, 31, 49, 50 u 41 tal-Kap 9. Rat ukoll l-Artikolu 11 tal-Kap 152 u tordna lill-imputat li jhallas lid-ditta assikuratrici Fortress Insurance Company Limited l-ammont ta' Lm215 u l-VAT fuqhom u lid-danneggjat kull ammont li huwa bhala 'excess'.

-------------------------------TMIEM-------------------------------